MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 129/2003

**Pierre Darmanin f'ismu propju
u
f'isem Uskin Limited**

**vs**

**Konrad Maistre**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat is-26 ta' Frar tas-sena 2003 li permezz tieghu l-attur proprio et nomine sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandhiex:

Din il-Qorti tiddeciedi u tordna illi:

(1) Peress illi l-konvenut fetah kawza kontra l-attur fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Avviz 213/00) liema kawza hija bazata fuq dokument li kopja tieghu qed jigi anness bhala Dok A (l-original ta' dan id-dokument qieghed fi process quddiem il-Qorti tal-Magistrati);

(2) U Peress illi fil-fatt dak id-dokument kien maghmul mill-konvenut bi frodi u b'qerq u b'ingann;

(3) Peress illi fil-fatt l-attur qatt ma ghamel l-imsemmi ftehim u a bazi ta' dan id-dokument il-konvenut qed jallega li l-attur ghandu jikkonsenjalu speed boat:

(a) Tiddikjara li d-dokument `A' ma' dan l-Avviz sar b'qerq u bi frodi u b'ingann u li ma hemm ebda ftehim kif indikat fl-imsemmi dokument bejn il-partijiet;

(b) tordna u tiddeciedi li l-imsemmi dokument huwa null ghall-effetti kollha tal-ligi;

(c) Bl-ispejjez u b'riserva ghad-dritt tal-attur li jirreklama d-danni ghal fini ta' kompetenza jinghad illi l-valur ta' dan id-dokument ma jeccedix l-elfejn Lira Maltin (LM2,000.00,0);

(d) Il-konvenut ingunt biex jidher ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-11 ta' Mejju tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante li mhux minnu li d-dokument li qieghed jigi attakkat sar b'qerq, bi frodi u b'ingann kif qieghed jigi allegat, u l-firma li hemm fuq l-imsemmi dokument saret mill-attur Pierre Darmanin deliberatament u meta kien jaf li qieghed jassalda ftehim bejnu u bejn il-konvenut u dana kif ser jigi pruvat dettaljatament fil-mori u waqt i t-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi l-konvenut m'ghandux ibghati spejjez inutili f'dina l-kawza stante li l-attur kien gia ntavola kontrotalba ghall-avviz numru 213/00 JAB ntavolat quddiem din il-Qorti diversament preseduta, izda naqas li jattakka d-dokument in kwistjoni f'dik il-kontrotalba ghal skans ta' spejjez zejda;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-procedura jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-vertenza in dizamina tirrigwarda n-negozju ta' compra-vendita ta' dghajsa li kienu nvoluti fih il-partijiet;

2. Illi l-istess attur isostni li kien mar fil-"garage" tal-konvenut il-Kalkara fejn sab id-dghajsa, meritu ta' l-allegat negozju bejn il-partijiet, fuq "trailer" u hadha bit-"trailer" b'kollox, (ara fol 83);

3. Illi l-istess attur isostni li d-dghajsa de quo kien ghad kellha n-numru ta' registrazzjoni originali ta' meta kienet fil-pussess tieghu;

4. Illi l-istess attur isostni wkoll li "*peress li l-konvenut ma riedx ihallasni kont ghidtlu illi kont ser niehu d-dghajsa lura u fil-fatt hekk ghamilt",* (ara fol 83);

5. Illi l-istess attur isostni wkoll li kien l-istess konvenut li fetahlu l-"garage" fejn kienet mizmuma d-dghajsa meritu tal-procedura odjerna;

6. Illi rigward il-firma tal-attur fuq il-"complimentary slip" l-istess attur isostni s-segwenti:

a. Illi din il-"complimentary slip" tappartjeni lill-kumpanija Uskin Limited;

b. Illi jichad li l-kitba fuq l-istess dokument hija tieghu;

c. Illi rigward il-firma jsostni li "*iktar m'hijiex tieghi milli tieghi",* (ara fol 84);

d. Illi effettivament jichad li ffirma din in-nota li permezz taghha hemm miktub li hu biegh id-dghajsa meritu ta' din il-procedura lill-konvenut ghal servigi rezi lilu mill-konvenut meta xtralu xi makkinarju indikat fl-istess dokument;

7. Illi ghalhekk l-attur intavola l-procedura odjerna wara li giet regolarment terminata procedura ta' natura kriminali fil-konfront tieghu;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut isostni sintetikament is-segwenti:

1. Illi l-partijiet involuti kienu ilhom jafu lil xulxin u kienu anke nnegozjaw flimkien fil-passat;

2. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna kellhom l-origini taghhom meta l-partijiet involuti ftehemu fuq negozju iehor fejn bhala pagament il-konvenut kellu jithallas b'dghajsa minghand l-attur;

3. Illi effettivament wara l-konkluzzjoni ta' dan in-negozju, l-attur f'ismu proprju u f'isem is-socjeta' Uskin Limited kien ghadda d-dghajsa in dizamina lill-konvenut kif pattwit;

4. Illi l-konvenut isostni li d-dokument a fol 77 immarkat Dok MC1 kien miktub u ffirmat minnu u giet ukoll liberament iffirmata mill-attur stess, (ara fol 106);

5. Illi l-konvenut isostni li l-attur kien informah li ried juri d-dghajsa li kien ghadda lill-konvenut lil xi hadd bhala kampjun;

6. Illi meta l-konvenut fetah il-“garage” fejn kienet mizmuma d-dghajsa in dizamina, l-attur qabbad l-istess dghajsa mal-karozza tieghu u hadha minghajr l-awtorita’ tal-konvenut;

7. Illi effettivament tant jirrizulta sorpriz li l-istess konvenut jiddeponi li kien halla l-“wallet” u c-cwievet tieghu fil-karozza ta’ l-istess attur, (ara fol 106);

8. Illi ghalhekk il-konvenut qed jopponi t-talbiet attrici;

Ikkunsidrat:

Illi mill-analizi suespost jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici huma privi mis-sostenn necessarju legalment rikjest;

Illi l-fatti kif esposti mill-konvenut jirrizultaw li huma aktar verosimili u ghalhekk jinducu lil din il-Qorti biex javallaw din il-versjoni;

Ghaldaqstant din il-qorti wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz takkolji l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut u tirrespingi t-talbiet attrici, bl-ispejjez.

Marica Sammut
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------